TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 472/11/GZ

**Mary u Maurice Mizzi**

**vs**

**Hamilton Travel Co. Ltd.**

Illum 5 ta' Settembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elf Ewro (€1,000.00), bhala danni morali ghall-konsegwenzi li soffrew abbord 'cruise ship', stante l-fatt illi ma nghatawx il-kabina li kienu bbookjaw originarjament.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

F'Novembru 2010 kienu bbukkjaw kabina bin-numru 9051 mas-socjeta' ntimata, pero' meta marru ghall-laqgha ftit ijiem qabel it-tluq, u nghataw l-'boarding documents' minghand is-socjeta' ntimata, huma ndunaw illi s-socjeta' kienet bidletilhom l-kabina u tathom kabina bin-numru 14048, liema kabina tinsab hames (5) sulari l-fuq minn dik il-kabina li kienu bbukjaw. Ir-rikorrenti pprotestaw u talbu lill-persuna tal-'booking', certu Ian, il-flus lura ghaliex ma riedux imorru. Ian kien qalilhom illi ma setax jaghmel hekk u kien qalilhom ukoll li kienu tawnhom 'up-grade'. Ir-rikorrenti kienu rrispondewh illi

hemm fuq, u cioe` fl-erbatax (14)-il sular, kien ser jiccaqlaq hafna u li ser jaghmlilhom id-deni, fejn Ian kien qalilhom: "mur u nitkellmu wara".

Ian kien ikkonferma l-kabina bin-numru 9051 darbtejn: f'April 2011, meta kien tahom l-informazzjoni ta' l-'excursions', u f'Lulju 2011, meta r-rikorrenti kienu hallsu l-ammont kollu.

Ir-rikorrenti hassew ruhhom aggravti, specjalment minhabba l-fatt illi mill-ghaxart (10) ijiem fuq il-vapur, hamsa (5) minnhom ir-rikorrenti kienu morda. Il-kabina bin-numru 14048 kienet zewg (2) kabini l-boghod mill-bieb fejn tohrog ghall-'walking track', bil-konsegwenza li l-bieb kien qed jinstabat il-hin kollu u ghalhekk ir-rikorrenti ma thallewx jistriehu mument. Biex aktar tigi rrovinata l-'cruise', li r-rikorrenti tant kienu qed jistennew bil-herqa, il-'lift' kien qed imiss mal-kabina minn wara.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Preliminarjament ma tezisti l-ebda persuna guridika bl-isem ta' 'Hamilton Tarvel'.

Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi kienu r-rikorrenti stess li accettaw l-arrangament li kien sar min-naha tas-socjeta' ntimata sussegwenti ghall-'booking' taghhom u per konsegwenza accettaw l-arrangament il-gdid offrut lilhom.

Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permess mill-Ligi.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huwa regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, billi Mary Mizzi stqarret illi meta kienu bbukkjaw l-'cruise' u gew biex jitilghu fuq il-vapur, kienu qalulhom li l-kabina kienet mehuda minn koppja Germaniza u riedu jaghtuhom Deck 14 flok Deck 9. Huma sabu ruhhom ma genb 'track' kif ukoll ma genb il-'lift'. Is-socjeta' ntimata kienet qaltilhom biex jehduha bi prova, imbaghad jaraw li veru ser tkun ghogbithom. Ir-rikorrenti ma setghux jorqdu u kellhom 'holiday' irrovinata. Meta waslu l-Germanja u staqsew lil tal-vapur sabiex ibidlulhom il-kabina, huma kien qalulhom li ma kellhomx x'jaqsmu u li dak ried isir minn Malta. Ir-rikorrenti hallsu elfejn mitejn u sittin Ewro (€2,260.00) ghal dan il-'cruise'; u Maurice Mizzi stqarr illi s-socjeta' ntimata ma kellhiex id-dicenza tghidilhom li kienet ser tbiddlilhom il-kabina, u li ghalhekk, qed jitolbu l-ammont ta' elf Ewro (€1,000.00) bhala kumpens.

In kontro-ezami, ir-rikorrenti xehdu illi ma setghux jiftakru l-isem tat-'tour leader'. Fuq il-karti tar-'reservation' ma kienx hemm in-numru tal-kabina. Li kienet qaltilhom is-socjeta' ntimata kienet biss bil-kliem.

Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' dokument mahruga mill-'MSC Crociere' li tghid "Customer Care Italy", iffirmata mill-'Guest Relations Manager', li giet mmarkata bhala Dok.MM1; kopja ta' l-ircevuta datata 21 ta' Lulju 2011, mahruga minghand is-socjeta' ntimata fuq l-isem ta' Maurice Mizzi u Mary Mizzi ghall-ammont ta' elf hames mija erbgha u sittin Ewro (€1,564.00), li giet immarkata bhala Dok.MM2; kopja ta' 'deck plan' li giet immarkata bhala Dok.MM3; u kopja ta' l-ircevuta datata 21 ta' Jannar 2011, mahruga minghand is-socjeta' ntimata fuq l-isem ta' Maurice Mizzi u Mary Mizzi ghall-ammont ta' sebgha mitt Ewro (€700.00), li giet immarkata bhala Dok.MM4. u kopja tal-'booking details' li giet immarkata bhala Dok.MM6.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi hija kienet lesta li tbiddel il-kabina tar-rikorrenti u li taghtihom 'upgrade', u r-rikorrenti kienu kuntenti bl-'upgrade'. Kompliet tistqarr illi r-rikorrenti kienu ghamlu l-ilment taghhom wara li gew lura mis-safra.

In kontro-ezami, is-socjeta' ntimata stqarret illi hija tichad li qatt qalet lir-rikorrenti li l-kwistjoni tigi solvuta fuq il-vapur.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tal-korrispondenza bejnha u bejn ir-rikorrenti, li giet immarkata bhala Dok.HT1 u Dok.HT2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll, illi bi qbil bejn il-partijiet, xehed Ian Bartolo, prodott mis-socjeta' ntimata, liema xhud, fix-xhieda guramentata tieghu stqarr illi huwa jaf lir-rikorrenti in konnessjoni ma' 'booking' ta' 'cruise', fejn huma kienu bbookjaw kabina kategorija 2, cabin number 9051 fid-disgha (9) sular. Wara li sar l-'upgrade', ir-rikorrenti kienu kellmu lilu, fejn huma kienu ndunaw li kellhom 'upgrade' meta kien inhareg it-ticket, u minnflok kategorija 2 kienu nghataw kategorija 3. Din hija 'inside cabin', pero' qieghda fuq deck 14. Isiru hafna 'upgrades' fil-'cruises'. Jista' jkun li sar hekk min-naha tal-vapur, pero' s-socjeta' ntimata ma tkunx taf ir-raguni li nghatat 'upgrade'. Li kieku l-'upgrade' saret min-naha tas-socjeta' ntimata, kien ikollha thallas ghaliha hi.

Ix-xhud kompla jistqarr illi r-rikorrenti kienu marru l-ufficju fejn ilmentaw hafna ghaliex qalu li l-kabina kienet aghar u li kienu ser ikunu iktar hazin. Ix-xhud kien ipprova jfiehemhom li kienu ser ikunu ahjar, fis-sens li hija 'higher category'. Kien hemm koppja fuq l-istess 'cruise' li xtaquha huma l-kabina, pero' r-rikorrenti ma accettawx. Huma kienu ser ikunu iktar l-fuq, fejn kieku riedu jhallsu iktar. Kellhom jirringrazzjaw is-socjeta' ntimata, pero' ma ghamlux dan. Meta dik il-koppja regghat staqsiet ix-xhud wara jekk ir-rikorrenti kienux haduha l-kabina, huwa kien qalilhom iva sfortunatament.

Minnflok ma rringrazzjawh, ir-rikorrenti pero' kienu haduha kontrih. Il-kamra li originarjament insistew fuqha r-rikorrenti kienet erbgha (4) sulari taht li hadu huma, u l-kamra li riedu originarjament ma setghatx tinghatalhom ghaliex kien hemm haddiehor fiha. Skond ix-xhud, ir-rikorrenti kienu accettaw l-'upgrade'. Ix-xhud stqarr illi l-'upgrade' li nghataw ir-rikorrenti kienet l-istess pozizzjoni fejn kienet il-kabina li xtaqu originarjament, pero' iktar sulari l-fuq. Huwa stqarr illi l-pool qieghed sular isfel u li l-'lift' ma jaghmilx storbju. Is-sular fejn kienu r-rikorrenti huwa l-inqas 'crowded' u l-inqas li hemm kabini, u ma tridx titla' min-naha ta' fejn kienet il-kabina taghhom u terga' tinzel sabiex tmur il-'pool', ghaliex ovvjament din ma taghmilx sens. Fir-rigward tal-'jogging area' fis-sular fejn kienu r-rikorrenti, kull ma forsi tisma huwa nifs u jekk stess bniedem ried jixxemmex ma kienx ser jaghmel storbju.

Ix-xhud stqarr ukoll illi ma jiftakarx, pero' lanqas biss taghmel sens li xi darba huwa qal lir-rikorrenti li jekk ma jaghgobhomx imorru jkellmuh wara l-'cruise'. Kieku r-rikorrenti riedu jilmentaw, kienu jaqbdu u jmorru wara l-'cruise'. Is-Sur Mizzi kien ansi mar jirringrazzja x-xhud qabel ma marru fuq il-'cruise'. Skond ix-xhud, il-kategoriji 9, 10, 11 u 12 huma l-aktar kabini gholjin. Ix-xhud ma ftakarx jekk ir-rikorrenti kienu marru jkellmuh wara l-'cruise' u stqarr illi ma kienx qara l-ittra li huma kienu kitbu lis-socjeta' ntimata, pero' stqarr illi x'hin is-socjeta' ntimata kienet qaltlu biha, huwa kien qabad jidhaq ghaliex ma stennijiex.

Ix-xhud ezebixxa il-'booklet' tal-'MSC Cruises', b'referenza specifika a fol. 84 u fol. 85.

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarr illi ma setghax jiftakar li r-rikorrenti kienu staqsewh ghall-flus lura. Stqarr illi ma huwiex minnu li huwa kien qalilhom sabiex jippruvaw u mbaghad jitkellmu, u stqarr ukoll illi huwa kien informa lir-rikorrenti li l-'upgrade' kienet inghatat lilhom min-naha tal-'MSC'

It-Tribunal jinnota illi a bazi ta' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' ntimata, bi qbil bejn il-partijiet, l-isem ta' l-istess socjeta' ntimata qieghda tigi emedata u sostitwita bl-isem ta' 'Hamilton Tarvel Co. Ltd'.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi r-rikorrenti kienu accettaw l-imsemmi 'upgrade' billi fil-fatt marru fuq il-'cruise' in kwistjoni; u flimkien mal-fatt ukoll illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-fatt illi r-rikorrenti soffrew minn xi attakk ta' 'sea sickness', pero' ngabet prova sodisfacjenti rigwardanti l-fatt illi l-livell ta' storbju ma kienx dak li allegaw ir-rikorrenti fis-sular fejn

kienu huma, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**